MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 442/2013

**Rikors Numru 442/13 SM**

**Fl-ismijiet:**

**Joseph Borg (I.D. 758632M) li qed jidher f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Stella Psaila (I.D. 64036M) u l-assenti Francis sive Frank Borg; Lawrence Borg(I.D. 725757M) li qed jidher f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Eleonora Ellul (I.D. 551249M), Antoinette Gruppetta (I.D. 99351M), Martin Borg (I.D. 783254M), Michael Borg (I.D. 82256M), u Maria Dolores Debono (I.D. 715959M); Raymond Vidal (I.D. 623856M)li qed jidher f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Maryanne Hili (I.D. 404052M), Rose Cauchi (I.D. 713050M), Tarcisio Vidal (I.D. 392658M) u Martin Vidal (I.D. 139555M); Maria Dolores Burgess (I.D. 177444M) li qed tidher f'isimha personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta'**

**Victor Bugeja (I.D. 297049M), Robert Bugeja (I.D. 287853M), Eugenio Bugeja (I.D. 732358M), Grace Chircop (I.D. 720061M), Catherine Ciantar (I.D. 765151M), Francesca Spiteri (I.D. 551081M) iu Luke Bugeja (I.D. 170785M); Alfred Borg (I.D. 316362M), Maria Nathalie sive Nathalie Camilleri (I.D. 813458M), Carmen Camilleri (I.D. 599063M) u Rosaria sive Rose Scerri (I.D. 772654M), Theresa Bellizzi (I.D. 185135M); Vincent Borg (I.D. 391629M), li qed jidher f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Mary Haber, Joseph Borg, David Borg, Noel Borg u Lisa Slaktsas; Anthony sive Tony Mizzi (I.D. 164837M), Kevin Mizzi (I.D. 378878M), Mary Anne Mizzi (I.D. 446472M) u Sharon Mizzi (I.D. 495575M); Josanne sive Josianne Bonnici (I.D. 40769M), Theresa sive Therese Briffa (I.D. 613260M), Francesca sive Frances Ellul (I.D. 187256M) u Miriam Debono (I.D. 433754M); Emmanuel Borg (I.D. 48358M); Antonia Welch (Passaport Ingliz numru 204249168) Mary Langmaid (Passaport Ingliz numru 301508089); Pamela Dickinson (Passaport Ingliz numru 464293404) u John Robert Ellery (Passaport Ingliz numru 307311983).**

**vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti ta' William Gatt; u Natasha Gatt, u b'digriet datat 11 ta' Gunju, 2013 gew nominati Dr Renzo Prosella Flores u l-PL Veronica Rossignaud**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-partijiet fuq indikati huma ko-proprjetarji tal-fond numru 22, gia` 23, Triq Falzon, tas-Sliema, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, bl-arja libera tieghu, bil-pussess vakanti u liberu minn kwalunkwe dritt kemm reali u kemm personali favur terzi;

1.2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lil Carmelo Borg li miet guvni fit-3 ta' Mejju, 1948;

1.3. Illi l-wirt tal-imsemmi Carmelo Borg iddevolva fuq dawk indikati a fol 4;

1.4. Illi ghalhekk sehem l-intimati mill-istes fond hu ta' wiehed minn mija u ghoxrin sehem, (1/120);

1.5. Illi l-komunjoni tal-proprjeta` ilu jissussisti mill-mewt tal-imsemmi Carmelo Borg, senjatament ghal hafna aktar minn ghaxar (10) snin;

1.6. Illi fid-dati indikati fl-istess rikors guramentat promotur, ir-rikorrenti kollha obbligaw irwiehhom li jbieghu s-sehem taghhom mill-imsemmi fond ghal tlieta u disghin elf, mija u hamsa u sebghin Ewro, (€93,175.00), favur Joseph Debattista u huh Richard Debattista, li obbligaw irwiehhom li jixtru l-imsemmi fond bil-prezz hawn indikat, bil-kundizzjoni li l-fond *de quo* jinbiegh fl-interezza tieghu, cioe`, minghajr ebda sehem nieqes, kif indikat fil-konvenju redatt min-Nutar Dottor Timothy Ellis, (ara fol 37 u 41);

1.7. Illi r-rikorrenti jannettu prospett *ai termini* tal-artiklu 495A(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara fol 44);

1.8. Illi jinghad ukoll:

1.8.1. Illi l-prezz ghall-istess fond hu wiehed vantaggjuz;

1.8.2. Illi l-bejgh mhux ta' pregudizzju ghall-intimati;

1.8.3. Illi l-intimati ma ffirmawx il-konvenju flimkien mar-rikorrenti;

1.9. Illi r-rikorrenti ma jixtiequx jibqghu izjed fi stat ta' komunjoni mal-intimati;

1.10. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-Qorti biex din:

1.10.1. Tawtorizza l-bejgh tal-ishma kollha fil-fond fuq riferit u dan, taht il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju fuq riferit hekk ratifikat u estiz;

1.10.2. Tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv li ghandu jsir min-Nutar Dottor Timothy Ellis kif maghzul mill-kumpratur prospettiv;

1.10.3. Tinnomina kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci;

1.10.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata l-4 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi ma jafu xejn fuq il-fatti esposti mir-rikorrenti;

2.2. Illi jirrizervaw li jeffettwaw il-verifika tal-kwoti involuti;

2.3. Illi jinhtiegu aktar taghrif dwar il-wirt battal ta' William Gatt biex jaqdu dmirhom sew;

3.0. Rat in-nota tal-Ekonomu tad-Djocesi Arciveskovili ta' Malta datata l-11 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha infurmat lill-Qorti bis-segwenti:

3.1. Illi l-intimata Natasha Gatt hi residenti d-Dar tal-Providenza;

3.2. Illi l-istess intimata indikata fil-paragrafu precedenti m'ghandiex il-kapacitajiet mentali biex tamministra hwejjigha u taghmel l-atti tal-hajja civili;

3.3. Ilil safejn risaput l-istess intimata m'ghandiex kuratur biex jirraprezentaha fl-atti tal-hajja civili;

4. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-12 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm dedotti, talab li jinhatar kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata Natasha Gatt fil-proceduri odjerni, (ara fol 69);

5. Rat li gew appuntati l-kuraturi indikati fid-digriet datat is-26 ta' Lulju, 2013, (ara fol 72);

6. Rat in-nota tar-rikorrenti *nomine* datata d-9 t'Awwissu, 2013, li permezz taghha gew ipprezentati c-certifikati hemm indikati li sintetikament jindikaw li l-intimat William Gatt miet fil-mori tal-kawza;

7. Rat ir-rikors tar-rikorrenti *proprio et nomine* fuq gia` riferit datata l-5 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li din il-Qorti testendi l-inkarigu gia` moghti lil-kuraturi intimati biex jirraprezentaw ukoll l-interess tal-intimata Natasha Gatt;

8. Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati involuti datata d-9 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha infurmaw lill-Qorti li ma kienu jsibu l-ebda diffikulta` ghal dan, (ara fol 85);

9. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm esposti, laqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti;

10.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta’ Frar, 2014, li permezz taghha infurmaw lill-Qorti bis-segwenti:

10.1. Illi m’humiex edotti mill-fatti;

10.2. Illi jirriservaw id-dritt li jressqu risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

10.3. Illi Natasha Gatt m’hix f’qaghda li tamministra l-beni taghha;

11.0. Rat il-verbal tal-abbli kuratur deputat datat id-29 t’April, 2014, li permezz tieghu issottometta s-segwenti:

11.1. Illi kull sehem dovut mill-bejgh propost ghandu jigi mghoddi lid-Dar tal-Providenza;

11.2. Illi dak indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jghodd kemm fil-konfront ta’:

11.2.1. L-eredita` gjacenti ta’ William Gatt, u

11.2.2. Dak ta’ Natasha Gatt;

12. Rat ukoll il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti li nfurmat lill-qorti li l-ispejjez dovuti ghandhom jitnaqqsu qabel ir-rikavat jghaddi ghand id-Dar tal-Providenza;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma ssib xejn x’jintralca t-talbiet tar-rikorrenti stante li hi sodisfatta:

13.1. Illi l-prezz involut fil-bejgh tal-fond in dizamina hu wiehed gust;

13.2. Illi d-drittijiet tal-partijiet kollha involuti fil-kompravendita in dizamina huma debitament assodati;

**DECIDE:**

14.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement:

14.1. Tawtorizza l-bejgh tal-ishma kollha involuti fil-fond bin-numru 22, gia` 23, Triq Falzon, tas-Sliema, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u bl-arja libera flimkien mal-pussess vakanti skont il-ligi u dan, taht il-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju involut fuq riferit hekk ratifikat u estiz;

14.2. Tordna li l-kuntratt ta' kompravendita *de quo* isir fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza;

14.3. Tappunta ghal dan il-ghan lin-Nutar Dottor Timothy Ellis biex jirredigi u jippubblika l-istess kuntratt fit-terminu indikat fil-paragrafu precedenti;

14.4. Tinnomina lil Dr. Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

14.5. Tordna li kwalunkwe sehem dovut lill-intimati Gatt ghandu jigi mghoddi lid-Dar tal-Providenza;

14.6. Tordna wkoll li l-ispejjez involuti ghandhom jitnaqqsu qabel ir-rikavat jghaddi ghand id-Dar tal-Providenza;

14.7. Illi tenut kont tar-realta` riskontrata fil-konfront tal-intimati, l-ispejjez ta' din il-procedura jkunu kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------